IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2015
COM(2015) 253 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Bulgarija għall-2015

u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Bulgarija għall-2015

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Bulgarija għall-2015

u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Bulgarija għall-2015

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishih tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' bagit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea[3],

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[4],

Wara li kkunsidra l-konkużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Ċivili,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki tal-ekonomija. L-istrateġija tiffoka fuq il-punti ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni sabiex jissaħħaħ il-potenzjal tal-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi għall-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
[3] COM(2015) 253.
[4] P8_TA(2015)0067, P8_TA(2015)0068, P8_TA(2015)0069.

dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri. Flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri kienu mistiedna sabiex jikkunsidraw il-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tagħhom.

(3) Fit-8 ta' Lulju 2014 il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Bulgarija għall-2014 u ppreżenta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza, aġġornat, tal-Bulgarija għall-2014.

(4) Fit-28 ta' Novembru 2014 il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir[5], biex b'hekk ingħata bidu għas-Semestru Ewropew tal-2015 ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fl-istess jum, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija[6], li fih il-Bulgarija kienet identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru għandha titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fit-18 ta' Diċembru 2014 il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għat-tisħiħ tal-investiment, l-aċċellerazzjoni tar-riformi strutturali u t-tkomplija ta' konsolidazzjoni fiskali respondabbli li tkun favorevoli għat-tkabbir.

(6) Fis-26 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni ppublbikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2015 għall-Bulgarija[7]. Dan evalwa l-progress tal-Bulgarija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fit-8 ta' Lulju 2014. Ir-rapport tal-pajjiż jinkludi wkoll ir-riżultati tal-analiżi fil-fond li saret skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha għall-konkluzjoni li l-Bulgarija għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, it-taqlib fis-settur finanzjarju fl-2014 qajjem tħassib dwar prassi bankarji fil-parti taħt sjieda domestika, li jista' jkollhom implikazzjonijiet sinifikanti għas-settur finanzjarju u l-istabilità makroekonomika ġenerali. Barra minn dan, il-pożizzjoni esterna li għadha negattiva (anki jekk sejra għall-aħjar), l-ingranaġġ korporattiv eċċesiv u suq tax-xogħol dgħajjef kollha għadhom joffru riskji makroekonomiċi u jistħoqqilhom attenzjoni mill-qrib.

(7) Fit-30 ta' April 2015, il-Bulgarija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2015, kif ukoll il-Programm ta' Konverġenza għal-2015. Sabiex jiġu kkunsidrati r-rabitet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew evalwati fl-istess mument.

(8) Il-Bulgarija bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu għall-2015, il-gvern għandu l-ħsieb li jżomm mad-defiċit nominali ta' 2.8 % tal-PDG fl-2015. Wara dan, il-gvern qed jistabbilixxi l-intenzjoni tiegħu li ftit ftit inaqqas id-defiċit sabiex dan jinżel għal-livell ta' 1.3 % tal-PDG fl-2018. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-gvern għandu l-ħsieb li jilħaq l-objettiv fuq perjodu medju - defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG - fl-2018. Il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG tal-gvern mistenni li jiżdied matul il-perjodu tal-programm u li jilħaq madwar 31 % tal-PDG fl-2018. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Madankollu, għadhom ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti l-miżuri b'appoġġ tal-miri ppjanati tad-defiċit mill-2016 'l quddiem. Ababżi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-2015 tal-Kummissjoni, it-tkabbir net fl-infieq mistenni li jkun fil-livell ta' referenza fl-2015. Madankollu, meta wieħed jikkunsidra d-deterjorament tal-bilanċ strutturali (1.7 % tal-PDG fl-2014),

[5] COM (2014) 902
[6] COM (2014) 904
[7] SWD (2015) 22

jeżisti r-riskju li jkun hemm xi devjazzjoni mir-rekwiżit matul il-perjodu 2014-2015. Fl-2016 jeżisti r-riskju li jkun hemm devjazzjoni sinifikanti, peress li t-tkabbir nett fl-infieq jeċċedi l-livell ta' referenza b'0.9 % tal-PDG. Għalhek, għas-sentejn li huma , se jkun hemm bżonn ta' miżuri ulterjuri. Abbażi tal-evalwazzjoni tagħha tal-Programm ta' Konverġenza, u fil-kunsiderazzjoni tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2015 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-fehma li jeżisti riskju li l-Bulgarija ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(9) Il-ħlas kif dovut tat-taxxa għadu sfida ewlenija fil-Bulgarija. Jeħtieġ li jkun hemm strateġija komprensiva dwar il-ħlas kif dovut tat-taxxa bażata fuq analiżi fil-fond tar-riskji, evalwazzjoni sistematika tal-impatt tal-miżuri li diġà ttieħdu u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-aġenziji varji tal-ġbir tat-taxxi.

(10) Is-sistema tal-kura tas-saħħa tal-Bulgarija għandha quddiemha diversi sfidi maġġuri, inkluż riżultati dgħajfa fejn tidħol is-saħħa, nuqqas ta' fondi u ineffiċjenzi serji fl-użu tar-riżorsi. L-istennija tal-għomor hija konsiderevolment anqas mill-medja tal-UE u l-istennija tal-għomor fil-mument tat-twelid hija fost l-anqas fl-UE. Is-sistema għadha bbażata fuq settur tal-isptarijiet li huwa kbir iżżejjed. Għalkemm l-iffinanzjar tal-kura primarja u dik tal-outpatients f'dawn l-aħħar snin beda jitqies bħala kemm kemm aktar importanti f'termini nominali f'dawn l-aħħar snin, għadu pjuttost limitat. Il-fond tal-kura tas-saħħa huwa obbligat b'mod kutrattwali li jħallas lura bi prezzijiet definiti minn qabel lill-isptarijiet għat-trattamenti, u dan qed iservi ta' inċentiv għall-isptarijiet li jipprovdu kura medika li mhux immirata kif xieraq. Fl-2014 ġiet adottata Strateġija Nazzjonali tas-Saħħa iżda din ma fihiex plan ċar ta' implimentazzjoni.

(11) It-taqlib fis-settur tal-banek fis-sajf tal-2014 żvela dgħufijiet istituzzjonali u ta' superviżjoni. In-nuqqas tal-korp superviżorju li jiskopri problemi sinifikanti fir-raba' l-akbar bank fil-pajjiż, il-Corporate Commercial Bank (KTB), jindika nuqqasijiet fil-prassi superviżorji tas-settur finanzjarju u fil-superviżjoni tar-riskju tal-konċentrazzjoni. Dan immina l-kredibilità tas-superviżjoni bankarja, u anki mbagħad tqajmu dubji dwar is-saħħa ta' partijiet oħra tas-settur finanzjarju. Il-kriżi ta' likwidità matul is-sajf tal-2014 uriet nuqqas kapitali u wasslet biex tiġi rtirata l-liċenzja bankarja ta' KTB. Kien biss wara dewmien sinifikanti li tħallsu d-depożiti ggarantiti, li jammontaw għal madwar 5 % tal-PDG.

(12) Il-politiki attivi li jirrigwardjaw is-suq tax-xogħol mhumiex żviluppati biżżejjed kemm fejn tidħol il-kopertura kif ukoll l-immirar. Il-frammentazzjoni tal-aġenziji tirrappreżenta sfida ewlenija kontra l-għoti ta' benefiċċji u servizzi lil dawk qiegħda u lil dawk inattivi. Il-koordinazzjoni bejn l-uffiċċji tal-impjiegi u d-direttorat tal-assistenza soċjali mhux ingranat lejn provvista effiċjenti u integrata ta' miżuri biex tingħata għajnuna lil dawk l-aktar vulnerabbli. Il-Bulgarija għandha proporzjon għoli ta' żgħażagħ li la qegħdin jaħdmu u lanqas ma huma fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, u li ma għandhom l-ebda kuntatt mas-servizzi tal-impjiegi u għalhekk huma lil hinn mill-ambitu tal-miżuri komuni ta' attivazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-qgħad fil-Bulgarija huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu għat-tul, u dan jindika li huwa aktar strutturali milli ċikliku. Għalkemm il-paga minima fil-Bulgarija hija l-anqas waħda fl-UE f'termini nominali, din żdiedet b'mod sostanzjali mill-2011 lil hawn, u l-Gvern għandu l-ħsieb li jkompli jżidha b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin. Xaqlib diskrezzjonarju bħal dan daqstant qawwi fil-politika ta' kif il-Gvern jistabbilixxi l-pagi jista' joħloq distorsjoni fis-suq tax-xogħol Barra minn dan, ma hemm l-ebda linji gwida ċari li fuqhom tiġi stabbilita l-paga minima u għalhekk is-sistema toħloq l-inċertezzi dwar jekk ikunx se jintlaħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn l-appoġġ għall-impjiegi u l-kompetittività fuq naħa, u t-tħaris tal-introjtu tal-ħaddiema fuq in-naħa l-oħra. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali

għadhom ta' tħassib, peress li l-pajjiż għandu waħda mill-ogħla rati ta' depravazzjoni materjali fl-Unjoni. Il-popolazzjoni tar-Roma tbati minn livelli partikolarment għolja ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali. Il-biċċa l-kbira tar-Roma żgħażagħ la għandhom impjieg u lanqas ma għandhom post ta' edukazzjoni jew ta' taħriġ. L-għadd ta' tfal Roma li jinsabu fi klassijiet ta' qabel l-iskola jew fil-kindergartens huwa baxx u kważi kwart fost dawk bejn l-età ta' 7 u 15-il sena ma humiex fis-sistema edukattiva.

(13) Il-kwalità baxxa tas-sistema edukattiva u ta' taħriġ u r-relevanza limitata tagħhom għas-suq tax-xogħol ifixklu l-provvista ta' forza lavorattiva li jkollha l-ħiliet li l-ekonomija għandha bżonn. Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE. Wara snin ta' dewmien, il-Bulgarija għadha ma adottatx ir-riforma tal-Att dwar l-Edukazzjoni Skolastika u l-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar il-ħruġ bikri mill-iskola għadha fl-istadju bikri tagħha. L-istrateġija nazzjonali dwar l-edukazzjoni vokazzjonali t-taħriġ ġiet emendata u fl-2014 ġiet adottata strateġija ġdida dwar l-edukazzjoni għolja. L-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji għandha tkun ta' għajnuna biex titjieb is-sistema tal-edukazzjoni, issir aktar relevanti għall-ekonomija u tippromwovi l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi.

(14) Fir-rebbiegħa 2015 il-Gvern ippreżenta proposta ta' riforma tas-sistema tal-pensjonijiet. L-adegwatezza u s-sostenibilità tas-sistema tal-pensjonijiet jiddependu fuq riformi li jinċentivaw u jappoġġjaw perjodu itwal li persuna tibqa' fl-impjieg, b'anqas interruzzjonijiet. Fl-2013, ġie żvelat li 1.2 miljun pensjonant kienu qed jirċievu pensjonijiet taħt il-linja nazzjonali tal-faqar. Il-forzi ċentrali li qed iwasslu għal livell baxxi ta' pensjoni huma l-irtirat kmieni u perjodi qosra ta' kontribuzzjoni. It-tixjiħ rapidu tas-soċjetà Bulgara x'aktarx li taggrava s-sitwazzjoni fil-futur. Huwa għalhekk xieraq għall-Bulgarija li tkompli tillimita t-tkabbir fejn tidħol in-nefqa relatata max-xjuħija biex tikkontribwixxi għas-sostenibilità għat-tul tal-finanzi pubbliċi, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' riformi robusti fil-pensjonijiet.

(15) Element kruċjali fil-binja ta' ambjent ta' negozju li jkun favorevoli għall-investur huwa sistema ġudizzjarja indipendenti, ta' kwalità għolja u effiċjenti u mekkaniżmi effettivi biex tiġi miġġielda l-korruzjoni. L-isfidi ewlenin f'dan il-qasam jinkludu nuqqas ta' koordinazzjoni ġenerali, nuqqasijiet istituzzjonali u storja dgħajfa fejn jidħlu sentenzi ta' ħtija fil-qorti. Dawn l-oqsma importanti ta' politika se jiġu koperti mill-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika.

(16) Il-qafas tal-insolvenza fil-Bulgarija ma kienx effettiv, u dan żied l-inċertezza fost il-parteċipanti fis-suq u naqqas l-attrattività ġenerali tal-pajjiż għall-investituri. L-insolvenzi jdumu aktar milli jdumu f'pajjiżi kumparabbli u r-rata ta' rkupru tal-pretenzjonijiet hija baxxa. Il-ħtieġa ta' qafas effiċjenti li jipproċessa l-insolvenzi għandha tidher ukoll fid-dawl tad-dejn qawwi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji fil-Bulgarija, u r-rwol ta' qafas bħal dan fl-iffaċiltar tal-proċess ta' diżingranaġġ.

(17) L-istrateġiji għal riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-introduzzjoni tal-"gvern elettroniku" ġew adottati fl-2014. L-implimentazzjoni tagħhom se jkollha bżonn ta' direzzjoni politika qawwija u ta' koordinazzjoni. Minkejja l-isforzi fil-passat, il-kwalità tas-servizzi pubbliċi għadha baxxa. L-iżvilupp insuffiċjenti tal-"gvern elettroniku" jillimita l-isforzi biex tiżdied it-trasparenza u li jitnaqqas it-toqol amministrattiv. Il-proċeduri tax-xiri pubbliku huma milquta minn problema partikolari. Dawn jixxekklu minn qafas legali li jinbidel ta' spiss, u minn kapaċità amministrattiva insuffiċjenti. Il-verifika *ex ante* tal-proċeduri tax-xiri pubbliku ħafna drabi ssir b'mod formalistiku. Fl-istess ħin, il-proċeduri tax-xiri pubbliku huma soġġetti għal kontrolli *ex post* li jirkbu fuq xulxin, bir-riżultat li xi kultant ikun hemm

riżultati diverġenti. In-nuqqas ta' trasparenza fil-proċess tat-tfigħ tal-offerti huwa wkoll riżultat tan-nuqqas li tiġi stallata l-firxa sħiħa tal-pjattaformi ta' "xiri pubbliku elettroniku". L-irregolaritajiet fil-proċedura tal-akkwist pubbliku fil-passat wasslu għal dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' ffinanzjar tal-UE, ikollhom impatt negattiv fuq l-ambjent tan-negozju u jżomm lura t-titjib li tant hu meħtieġ fl-infrastruttura. L-istrateġija pluriennali adottata f'Lulju 2014 biex tindirizza d-dgħjufijiet ċentrali fis-sistema tal-akkwist publiku tistabbilixxi skeda ta' żmien ċara għall-passi konkreti li għandhom jittieħdu fl-2015 u l-2016. Dan jeħtieġ li jiġi implimentat.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Bulgarija, u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2015. Hija analizzat il-programm ta' konverġenza u l-programm nazzjonali ta' riforma u s-segwiti li kien hemm tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lejn il-Bulgarija fis-snin ta' qabel. Hija ħadet f'kunsiderazzjoni mhux biss ir-relevanza għal politika fiskali u soċjoekonomika fiskali fil-Bulgarija iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, meta wieħed iqis il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ġenerali ekonomika tal-Unjoni Ewropea billi jingħata element ġej mill-UE f'deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur. Ir-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet 1 sa 5 hawn taħt.

(19) Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm ta' konverġenza tal-Bulgarija u l-opinjoni tiegħu[8] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni 1 hawn taħt.

(20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm nazzjonali ta' riforma u l-programm ta' konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet 1 sa 3 u 5 hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fl-2015 u l-2016 biex:

1. Tevita deterjorament strutturali fil-finanzi pubbliċi fl-2015 u tikseb aġġustament ta' 0.5 % fil-PDG fl-2016. Tieħu miżuri deċiżivi biex ittejjeb il-ġbir tat-taxxa u tindirizza l-ekonomija s-sewda, abbażi ta' analiżi komprensiva tar-riskuju u ta' evalwazzjoni ta' miżuri meħuda fil-passat. Ittejjeb il-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari billi tħares mill-ġdid lejn il-prezzijiet fil-kura tas-saħħa u ssaħħaħ il-kura tal-outpatients u l-kura primarja.

2. Sa Diċembru 2015 tlesti analiżi indipendenti tal-kwalità tal-assi li tkun tolqot is-sistemi kollha, kif ukoll test tal-istess kontroġerarkiku, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi Ewropej. Tagħmel eżerċizzju ta' analiżi ta' portafoll għas-settur tal-fondi tal-pensjoni u dak tal-assikurazzjoni. Tanalizza u ssaħħa is-superviżjoni tas-settur bankarju u dak finanzjarju mhux tal-banek, inkluż bit-tisħiħ tal-oqsfa tar-riżoluzjoni bankarja u tal-garanziji tad-depożiti. Ittejjeb il-governanza korporattiva fl-intermedjarji finanzjarji, fost affarijiet oħra billi taffronta r-riskju tal-konċentrazzjoni u l-espożizzjonijiet ta' partijiet relatati.

3. Tiżviluppa approċċ integrat għal gruppi li jinsabu fuq it-truf tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ħaddiema aktar avvanzati fl-età u żgħażagħ li la huma f'xi impieg, la f'xi edukazzjoni u lanqas f'xi taħriġ. F'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u skont il-prassi nazzjonali, tistabbilixxi mekkaniżmu trasparenti li jistabbilixxi l-paga

[8] Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

minima u l-kontribuzzjonijiet minimi ta' sigurtà siċjali, fid-dawl tal-impatt tagħhom fejn jidħol il-faqar fost dawk li għandhom impjieg, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività.

4. Tadotta r-riforma tal-Att tal-Edukazzjoni Skolastika u żżid il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni ta' tfal żvantaġġati, b'mod partiolari tar-Roma, billi ttejjeb l-aċċess għal tagħlim bikri fl-iskejjel li jkun ta' kwalità tajba.

5. Bil-ħsieb li titjieb il-klima ta' investiment, tħejji riforma komprensiva tal-qafas li jirrigwardja l-qafas tal-insolvenza, abbażi ta' l-aħjar prassi u kompetenza esperta internazzjonali, b'mod partikolari biex ittejjeb il-mekkaniżmu għall-preinsolvenza u għar-ristrutturar barra mill-qorti.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President